PJ (MZ6)

L-EWWEL KTIEB
IL-HAMSA U HAMSIN
SENA

MARZU-
ĠUNJU
1979

Lingua Concordia Domi Forisque Decor

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**(GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)**
KULL TLIET XHUR

## KITBA U KITTIEBA F'DAN L-GHADD

EDITORJAL — Il-Kitba tal-Malti ... ... ... ... ... ... 1
ĠUŻÈ CARDONA — Dun Karm u San Ġiljan ... ... 3
MICHAEL AGIUS — Għawdex — Gozo ... ... ... 8
ANTON BUTTIGIEG — Wara l-Kalvarju: Warda Bajda 10
PAUL P. BORG — Milied man-Nannu ... ... ... ... 13
VICTOR APAP — Priżma ... ... ... ... ... ... 19
WALLACE PH. GULIA — It-VIII Għaġeb tad-Dinja ... 24
DOREEN MICALLEF — Versi ... ... ... ... ... 24
ROMAN AZZOPARDI — Harsa lejn l-Għamla ta' l-Angliċiżmi fil-Malti ... ... ... ... ... ... 25
REĊENSJONIJIET ... ... ... ... ... ... ... 27

# IL-MALTI

IMWAQQAF F'MARZU 1925

MILL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
illum imsejħa
AKKADEMJA TAL-MALTI

**IL-55 SENA** **MARZU-ĠUNJU 1979** **Nri 1-2**


**IL-MALTI**

L-għan ta' **Il-Malti"** hu:

- Li jħares l-interessi tal-Malti
- Li jieħu ħsieb l-uniformità ta' l-ortografija
- Li jiżviluppa l-letteratura u l-kultura Maltija fl-ogħla livell.


**Editur:** ĠUŻÈ DIACONO, P.L., 116, Triq ix-Xatt, Tal-Pietà Tel. 26672.

**Amministratur:** Pawlu Mifsud 24, Triq il-Ferrovija, B'kara. Tel: 40733.


Kull kitba għall-pubblikazzjoni tintbagħat lill-Editur.

Tkun ittajpjata bi spazju doppju u marġni ta' 10 ittri.

Jintbagħtu żewġ kopji.

Kotba jew rivisti għar-reċensjoni jintbagħtu lill-Editur u mbagħad jieħu ħsieb hu lil min iqabbad jikteb ir-reċensjoni.

Ħlas tar-rivista 40ċ fis-sena jew 10ċ kull kopja.

Il-ħlas jintbagħat lill-Amministratur. Kull korrisondenza tintbagħat lis-Segretarju.


**IL-KUNSILL TA' L-AKKADEMJA**

**Pres. Onor:** Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S. Ġino Muscat Azzopardi Kav. Sav. Gatt.

**President:** Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A. 155, Triq it-Teatru, Valletta. Tel. 22091.

**Viċi-Pres:** Ġużè Diacono, P.L.

**Segretarju:** Emmanwel F. Attard 170, Triq l-Imdina Qormi. Tel. 47147.

**Teżorier:** Pawlu Mifsud 24, Triq il-Ferrovija, B'kara. Tel. 40733.

**Seg. Rel. Pubbliċi:** Anton Agius Muscat.

**Ass. Seg:** Pawlu Aquilina.

**Membri:** Patri D. Fenech, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds), O.S.A.; Anton Grasso, Mary Rose Gatt B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A.; Charles Coleiro.

**IL-MALTI**

QARI LI TOĦROĠ | MARZU-ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI | 1979

# IL-KITBA TAL-MALTI

Fl-aħħar snin smajna ħafna ilħna jistaqsu jekk wasalx iż-żmien li isir xi tibdil fl-ortografija tal-Malti u kien hemm studjużi li għamlu mhux biss suġġerimenti iżda wkoll fattihom dwar daqshekk.

Il-prinċipji ewlenin ta' l-ortografija tal-Malti kienu mfissrin tajjeb u bi qbil ġenerali l-ewwel darba fit-Tagħrif li kienet ħarġet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924, u xi wħud qalu li billi kien għadda ż-żmien ma kienitx ħaġa kbira li fil-kitba tal-Malti wkoll kellu jkun hemm xi tibdil, billi ż-żmien ma jaħfirha lil ħadd.

Għalkemm kien hemm min għamel fattih, il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti (li mhi xejn ħlief l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bl-isem mibdul kif jitolbu ż-żmenijiet!) ma tilifx rasu u ħa piaċir bira u jifhem li kien hemm qbil ġenerali fost dawk kollha li jifhmu, li dak li għamlet l-Għaqda kellha tkun l-Akkademja li tistudja sew biex, jekk tidher il-ħtieġa, isir dak li għandu jsir, u mill-ewwel stimola d-dibattitu u l-argument billi organizza konferenzi fuq il-materja li wasslu l-fehmiet biex ikunu iktar preċiżi — konferenzi li kienu miġburin f'għadd speċjali ta' **Il-Malti** li fetaħ il-bieb għall-istudji l-aktar serji li l-ħaġa titlob; li ma mmorrux nerġgħu nsibu ruħna kulħadd jaqdef għal rasu b'taħwid mhux ċkejken għal kulħadd kif ta' qabilna jgħidulna li kienu l-affarijiet qabel ma ħareġ it-Tagħrif.

Il-Kunsill ta' l-Akkademja ma waqafx hemm: ħatar Kummissjoni biex tiehu x-xogħol sew magħmula mill-President ta' l-Akkademja u s-Sin.a M. Rose Gatt B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., u s-Sur M. Mifsud, B.A.(Hons.). Nafu li din il-Kummissjoni qed tiltaqa' regolarment u li miexja bix-xogħol tagħha. Billi l-qattusa għaġġelija lkoll nafu x'għamlet, ma jidhirx li hu l-każ li ngħidulhom "Iġri u ġerri!" Tkun l-ikbar bluha jekk nitilfu kollox imħabba xi ħmerija gwappa li tista' ssir imħabba l-għaġla.

Hemm il-ħsieb ukoll ta' konsultazzjoni sħiħa ma' kull min hu studjuż serju tal-lingwistika Maltija. Għalhekk huwa xieraq li

ntennu dak li diġà ngħad kemm-il darba, li kull min għamel xi studji li wassluh f'xi konklużjonijiet serji u ppublikahom jagħmel tajjeb jekk jinforma lill-KUMMISSJONI TAGħRIF, fl-indirizz PALAZZ CARAFA, Triq il-Fran, Valletta, Malta.

Il-Kunsill qiegħed jagħmel u fi ħsiebu jkompli jagħmel li jista' biex naslu għat-tieni edizzjoni riveduta tat-Tagħrif; iżda jeħtieġ is-sabar, iż-żmien u l-għajnuna ta' kull min hu ta' rieda tajba!

---

# "IL-MADONNA TAĊ-ĊOQQA"

Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja, Dr. Wallace Gulia, Ġużè Diacono kien wiegħed li jikteb f'**Il-Malti** dwar it-teleserial kontroversjali tiegħu, **Il-Madonna taċ-Ċoqqa.** Iżda deherlu li tant inkiteb u ntqal fuq dan it-teleserial, li, għallissa għallanqas, mhux ta' min jerġa' jibda fuqu.

Biss jilmenta miċ-ċensura indiretta li għadha sseħħ fostna bis-saħħa ta' ċerti ġurnali u istituzzjonijiet. "B'intolleranza kbira u nuqqas ta' immaġinazzjoni, ma jridux jagħtu lill-kittieb Malti dik il-libertà artistika li lesti li jikkonċedu lill-kittieba barranin, għas-sempliċi raġuni li jikteb bil-Malti. Dawn l-ilħna fl-imgħoddi xekklu l-mixi tal-letteratura tagħna — imma dak iż-żmien issa għadda u mar," jikkommenta Ġużè Diacono.

# DUN KARM U SAN ĠILJAN

**minn GUŻE' CARDONA**

Miż-żmien li fih kiteb DUN KARM, għaddew għaxriet ta' snin, li fihom il-gosti u l-modi letterarji tbiddlu mhux ftit! Imma l-bidla ma tista' qatt tnessi u tfarrak it-tajjeb li tkun twettaq maż-żmien għax inkella ċ-ċiviltà tmur lura. Għalhekk iċ-ċiviltà tibqa' tfakkar lill-benefatturi tas-Soċjetà ta' kull età. Illum il-kittieba ta' żmienna tbiegħdu mill-forom letterarji ta' Dun Karm u mill-motivi reliġjużi, patrijottiċi u familjari tiegħu, imma jien żgur li l-Poplu Malti għandu jibqa' grat lejn dan il-ġgant tal-letteratura tagħna li ħoloq ilsien minġur u mirqum li ta lil Pajjiżna prestiġju kulturali hekk li fdieh quddiem il-barrani.

Dan hu l-mertu u l-glorja ta' DUN KARM u tgħid xi tgħid il-kritika jibqa' l-fatt li ħadd daqs Dun Karm Psaila ma ħaffef il-proċess letterarju u għen biex ilsienna jkun jista' jidħol fil-qrati u fl-iskejjel, fl-Università u fil-Parlament. Hu li ma ħalliehx mgħajjar u mċerċer, mitluq u mistkerrah u tah il-libsa li bdew ifasslulu ta' qablu u ta' żmienu, bħal Ġużè Muscat Azzopardi u Ninu Cremona. U kieku ma kienx hu li xegħel it-Torċa qawwija ta' l-Ilsien Malti, min kien jista' jgħidilna fiż-żgur li kien se jidhru hekk malajr u f'daqqa Aquilina u Briffa, Vassallo u Buttigieg, Pisani, Delia u Zammit u warajhom ix-xmara ta' dwal letterarji ta' żmienna?

Psaila kien l-idejal, l-imgħallem, il-mexxej tal-ġenerazzjoni ta' qabilna u ta' żmienna. Lilu studjaw biex jisiltu mill-kelma Maltija bennitha u min ma għamilx hekk aktarx li baqa' dgħajjef u qatt ma ssaħħaħ. Minnu tħeġġu fit-titjir letterarju u firxu s-sema Malti bil-versi u l-kitba tagħhom, biex warajhom ġew il-kittieba moderni ta' żmienna. Dun Karm beda wkoll minn isfel u sseqqer sa l-iġbiel tal-poeżija bil-**Quddiem Xbiha tal-Madonna** fl-1912; **Lid-Dielja** 1913; **Lill-Kanarin Tiegħi** u **Il-Vjatku** fl-1915; **Il-Monument** 1917. U jekk kien għad baqa' min ma fehemx l-importanza tal-poeżija Dun Karmjana, fl-1920 tana **Il-Musbieħ tal-Mużew,** li għax kien tabilħaqq tajjeb qanqal it-tinġiż tal-barranin. U baqa' sejjer il-Poeta tagħna bl-**Innu Malti fl-1922; Non Omnis Moriar** u **L-Għanja tar-Rebħa** fl-1927; **Roma Immortalis, Alla Mhux Hekk, Trid Taf,** u **Mater Purissima** fl-1929; is-sunetti **Bjuda** u **Univers leħor** fl-1930; **Lill-Knisja** u **Warda li Tgħid Ġrajjietha** (1931); **Rmied, Dell u Dija, Otia Aestiva I,** u **Għal Dun Mikiel Xerri** fl-1932. Din hi t-tiġrija

trijonfali ta' l-Ilsien Malti u t-tismir tat-tebut ta' l-egħdewwa tal-Malti, li wieħed minnhom kien ġar sewwa ta' Dun Karm fil-Qaliet ta' S. Ġiljan fejn ninsabu llum.

Il-poeta tagħna wara li għex xi żmien Ħaż-Żebbuġ fejn twieled, mar igħammar is-Seminarju fl-1910, imbagħad Triq l-Ifran, il-Belt sa l-1936, imma fl-aħħar tliet snin minn dawn, ġie jqatta' s-sjuf t'egħu S. Ġiljan wara xi sena jew tnejn S. Pawl il-Baħar, li qanqlu jikteb l-ewwel parti ta' **Otia Aestiva.** Nafu li mill-ittra li kiteb lil Aquilina fil-25 ta' Settembru 1933 li f'Mejju Mons. Psaila kera mezzanin il-Qaliet li dik il-ħabta kellu n-numru 26 Triq Spinola u hemm qagħad sas-sajf ta' l-1936. Telaq dan il-post għax meta rtira bil-pensjoni mil-Librerija Pubblika ma kellux għalfejn jibqa' l-Belt u ġie Tas-Sliema u għalhekk ħalla l-mezzanin ta' S. Ġiljan.

B'danakollu kien xortih tajba S. Ġiljan li laqa' għal madwar tlitt isjuf lis-Saħħar tal-Għanja Maltija u biex dil-ġrajja ma tintesiex il-Parroċċa ta' S. Ġiljan u l-Akkademja tal-Malti laqgħu l-ħsieb tiegħi li nwaħħlu rħama ma' dan il-post, fejn Psaila kiteb xi versi mill-aħjar. Imma nistħajjel kulħadd bil-kurżità biex ikun jaf sewwa x'kiteb Dun Karm fi Triq Spinola. L-**Otia Aestiva** mqanqla mid-dehriet ta' S. Pawl il-Baħar tkompliet hawn, imma forsi l-aktar poeżija importanti hi **Il-Ġerrejja u Jien** li hi intimament marbuta ma' ħajjet il-poeta u ma' din il-bajja. Minn fuq it-terrazzin li jħares għall-baħar Dun Karm kien joqgħod jitgħaxxaq u jirrifletti: jilmaħ filgħodu d-dgħajsa taqta' 'l barra u tasal f'nofs inhar bejn sema u ilma biex filgħaxija għajjiena titbandal fil-qala sakemm ikeffinha d-dlam — xebh perfett u naturali mal-ħajja tal-Poeta li kellu 62 sena:

Jiena wkoll ta' setgħeti
frixt il-qlugħ kollha u qbadt it-tmun tar-rieda
u fuq il-mewġ ta' żmieni
qtajt 'il barra qatigħ. Ġarrabt il-ġlieda

mal-ħalel u mar-rwiefen
u darbtejn rajt il-mewt b'daħka waħxija
issejjaħli taħt l-ilma: . . . .

Hawn issa t-tnejn nitbandlu
qegħdin fil-qala jien u d-dgħajsa tiegħi.

U biex ma niħdux żball, il-poeta ħallielna d-data: 16-18 ta' Ġunju, 1933.

F'dan l-istess post Mons. Psaila ispira ruħu biex jikteb is-sunett għal qalbu ħafna, LIL M.A. VASSALLI, Żebbuġi bħalu, li ra mhux ftit fuq wiċċu. Jidher ċar li dan kien imqanqal mill-Bijografija u ż-żewġ sunetti ta' Ninu Cremona, imma aħjar minnhom, għalkemm mhux isbaħ minn dak ta' Ġorġ Pisani. Il-poeta ried juri l-qima tiegħu għal dan ir-rivoluzzjonarju li ma kienx prattiku, imma b'danakollu għamel wisq ġid għal Ilsienna:

Vassalli, meta ngħarax ġewwa ħsiebek
il-ħsieb li kiber ma' żgħożitek f'Ruma
u kif fissirtu fit-taħdit ma' ħbiebek
meta lil Artek rajt bil-ħan maħkuma
Malti Safi tassew joħroġ minn fommi
mhux għax għallimtna l-ġmiel, is-saħħa, il-għana
tal-lsien li tkellmet bih ommok u ommi
iżda għax ħabbejtha lil din l-art ħanina
u kont ewlieni fost in-nisel tagħna
li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina.

X'atteġġjament nobbli tal-Poeta Dun Karm lejn dan il-bniedem li sa dik il-ħabta kien għadu mgħajjar! X'tolleranza, biex ngħid hekk, **post-konċiljari** minn qalb dan il-qassis eżemplari u jiddistingwi bejn il-patrijott u l-ħajja privata tiegħu, ħaġa wisq diffiċli f'dak iż-żmien.

Żewġ poeżiji oħra li twieldu f'S. Ġiljan f'dan il-post huma **Lill-Kelb** miktuba fis-16 ta' Lulju 1934 u **Bewsa** li tlestiet fit-30 ta' Ġunju 1935, it-tnejn frott tal-qari siewi li kien jaqra. Il-poeta jissaħħar minn ħsieb, jorqmu, jiżviluppah u toħroġ il-ġmiel tal-poeżija, **Bewsa;** jew janalizza r-rabta li hemm bejn il-Kelb u sidu. Fiż-żewġ poeżiji hemm ir-rabta ta' l-imħabba bejn annimal u bniedem u fl-oħra bejn tarbija ta' fuq l-idejn u r-reġina ta' Franza, Marie Antoinette. Ir-reġina misjuqa fuq il-karru lejn il-giljottina qalb baħar ta' nies ifferoċjati, waqt li l-kelb għalkemm kultant imsawwat minn sidu jibqa' jħobbu. L-imħabba hi l-qofol tal-ħsieb Dun Karmjan, ġibda safja u ħanina li tbiddel ħajjet il-bniedem ukoll fl-aqwa traġedja, mhux il-ġibda sesswali li daħħlu xi psewdo-kritiċi dan l-aħħar. Imħabba ta' tarbija li...

tiġbor fuq fommha
il-ponot ta' subgħajja
u 'l fuq mir-rjus tixħtilha bewsa.
Mewġa sħuna ta' demm tfawwar mill-qalb imrażżna
tar-Reġina
u fuq wiċċha
tinżel demgħa ta' faraġ: joħla l-morr tal-mibegħda
fil-benna ta' l-imħabba
u bla tkexkixa
tniżżel rasha r-Reġina
taħt ix-xafra tal-mewt...
Kemm tiflaħ bewsa!

Iżda forsi l-aktar rabtiet twal fil-versi ma' S. Ġiljan insibuhom fit-tieni taqsima ta' **Otia Aestiva,** li għalkemm inkitbet wara, baqgħet kwadru l-aktar fidil u awtentiku tal-ħajja f'S. Ġiljan 40 sena ilu. Il-poeta jibda b'nota ta' ħajr talli ġie l-Qaliet u jfaħħar mhux ftit ġmielu:

''Rebaħni S. Ġiljan, għax donnu s-sema
ried ikunli ħanin u jisma' talbi
Sew sew f'nofs il-Qaliet sibt dar għal qalbi
Għax għandu S. Ġiljan tiżwiq u ħlewwa''.

Araw kif il-poeta jiddeskrivi d-dar fejn twaħħlet l-irħama:

''Daqsxejn ta' daħla u bitħa tawwalija
li tiddellel fis-sajf b'dielja werrieqa:
Erba' kmajriet ma' l-id il-leminija
kollha b'xi bieb għall-bitħa jew b'xi tieqa;
Itemm id-dar u jtik li bih tiftaħar
setaħ miftuħ li jħares fuq il-baħar''.

Mis-setaħ Dun Karm seta' jara mit-Torri sal-Balluta u fir-Ramla jiftakar li kien jgħum m'ommu; jiddeskrivi s-sewwieqa u lill-ġirien u fuq kollox lil Ġannina, bint kuġinu Ġananton, li kienet miegħu. Ipinġihielna:

''Qalb safja ma' kulħadd tal-ħbieb saħħara
max-xjuħ ħanina, ħelwa maċ-ċkejknin;
meqjusa fit-taħdit, fli-lbies mistħija
irżina fil-fehmiet, iżda qawwija''.

Igħarrafna li fis-sagħtejn jerfgħu mill-mejda, dejjem bil-qies u nbid qatt u wara jistrieħ xi siegħa jew jagħmel xi passejn jaqra fid-dell; jagħmillek partita rami ma' xi ħbieb; igħid l-Uffizzju u

jmur taħt is-sur għal xi logħba jew tnejn boċċi u ta' din il-logħba ħallielna deskrizzjoni l-aktar dettaljata. Qrib l-Ave Marija jiġbed lejn il-knisja tal-Kunċizzjoni li jfakkar bil-kliem:

"Hemm knisja ċkejkna fuq il-blat mibnija
fi żmien il-kavalieri ta' l-Isptar,
knisja moħtara 'l Dik li Alla xabba'
bil-ħajr u d-dnub tan-nisel qatt ma tabba'."

Il-poeta tagħna mill-knisja kien imur jieħu ftit tè, li jinżillu tajjeb daqs il-birra Cisk. Malli jbexbex jagħmillek dawra max-xtajta u jiddeskrivi kull ma jara: żgħażagħ u xjuħ, il-Club Aquatic, in-namrati u l-ferħ u ċ-ċajt tal-ħajja sajfija ta' S. Ġiljan. Jerġa' lura d-dar fil-ħin għax ma jridx iħalli lil Ġannina tistennieh. Jingħad ir-rużarju għas-sinjal mogħti minnha u hekk l-ikel tar-ruħ inissel xewqa għal dak tal-ġisem, dejjem bil-qies, u wara xi ftit ċajtiet mal-ġirien imur jorqod wara talba qasira lil Alla. Il-Qassis Poeta jiżżi ħajr lill-Ġustizzja u t-Tjieba Divina ta' dan kollu u jagħlaq din il-poeżija twila ta' 492 versi bil-kliem:

"U jien ma nixtieq xejn aħjar minn dan
kemm indum fil-qaliet ta' San Ġiljan!"

Hemm ġrajjiet oħra konnessi mal-ħajja ta' Dun Karm f'S. Ġiljan, biċċiet minnhom ta' niket: Fis-sajf ta' l-1933 siefer ma' Ġannina u marru Lourdes. Tgħid biex titlob grazzja kbira lill-Madonna għall-marda kiefra li fl-1937 ħaditha fil-qabar? Aktarx iva milli le. F'S. Ġiljan ukoll aktarx li qagħad jixtarr il-kruha ta' l-attakki li xi nies bla qalb tefgħu fuqu talli kien jikteb bil-Malti... u forsi hawn ukoll il-Poeta qagħad itella' u jniżżel jekk jiktibx is-sunett "Lil Ħabibi Pi. Di". Dun Karm lil dan il-barrani li qabad miegħu wieġbu bl-aktar mod dinjituż u solenni:

"... jekk int ismi rfistu
jien naħfirlek quddiem kulħadd
kif għandu jagħmel saċerdot ta' Kristu!"

Dan hu l-karattru sod, sinċier u nobbli tal-Poeta Nazzjonali, li S. Ġiljan għandu tabilħaqq għalfejn ikun ferħan li laqgħu fi ħdanu għal xi żmien.

S. Ġiljan hu tassew kburi bid-dehriet sbieħ li għandu, bil-lussu tal-lukandi, bil-għadd ta' turisti li jżuruh, imma għandu jkun ukoll imkabbar bil-versi li l-Poeta Nazzjonali kiteb fih u wisq aktar għalih. Il-Poeta ma mietx, għadu u jibqa' mal-Ġiljaniżi bi vrusu l-Poeta Nazzjonali.

# GHAWDEX - GOZO

**Minn MICHAEL AGIUS**

Kittieba Griegi ta' żmien il-qedem lill-gżira ta' Għawdex sejħulha GAULOS (minn Gaul — li tfisser Gods ġebel) kif tassew Għawdex jidher bgħid minn fuq il-baħar. Ġie li ismijiet ta' bliet, nies eċċ. dawk il-kittieba qalbuhom ħażin f'ilsienhom, bħal ngħidu aħna, SAUL saret Pawl, SURR (sur bil-Malti) saret TIRU u oħrajn. Imma wieħed mill-aqwa għorrief Griegi, Strabone, kiteb GAUDOX. Strabone hu wieħed mill-aqwa tad-dinja għall-ġografija ta' żmien il-qedem. Dan il-għaref Grieg twieled fis-sena 69 qabel Kristu, ivvjaġġa ħafna u żar bosta artijiet tal-Lvant Nofsani u oħrajn fl-Asja, fis-Surija, fil-Feniċja, fl-Eġittu u fl-Italja. Strabone studja f'Tarsu, fis-Surija u fi bliet oħrajn. Fis-sena 29 qabel Kristu, mar igħix ġewwa Ruma, fejn baqa' sakemm miet fis-sena 19 ta' l-ewwel seklu. Ix-xogħol kbir tiegħu, "Geographica", ta' 17-il volum, hu meqjus u miżmum bħala awtorità. Xogħol kbir ieħor tiegħu ta' 46 volum, hu dwar l-istorja Cassiodoria (470 — 570) mexa fuq Strabone u 'l Għawdex sejjaħlu GAUDEX.

Bħalma wieħed jista' jara, "Għawdex" ma tistax tinbena fuq GAUL, sakemm id-"D" Griega ma tteħditx b'"L" minnn dawk il-kittieba li ġew wara Strabone, billi dawn iż-żewġ ittri jixxiebhu ħafna fil-kitba b'ittri kbar (kapitali). Għalhekk, naħseb illi l-isem ta' Għawdex inħoloq kif kitbu STRABONE. Għaldaqshekk inħoss li għandi nimxi fuqu, għax, jekk niflu sewwa, insibu wkoll illi dan l-isem jaqbel ma' l-isem l-ieħor — GOZO (gods minn Geddes) — (Falzon jagħtina GEDDES imma GODS ma jurihiex — juriha b'GOZZ — iżda tifsir wieħed — verb u nom).

Milli jidher, għall-ewwel, Għawdex kien jitleħħen bil-GA (gerger, gerfex, eċċ.): dan il-leħen ta' GA jseħħ fil-kunjom GAUCI (skond il-widna) kif ukoll l-isem l-ieħor GOZO, GOZZU.

Nistħajjel xi ħadd jistaqsi: kif daħlet l-H wara l-G u saret GH (għajn)? Irridu niftakru illi x-xi-ħaġa tal-kitba bil-Malti bdiet tinkiteb madwar 400 sena ilu minn xi żewġ flenin ta' ftit tagħlim u dgħajjef ukoll, u kienu jiktbuha kif jidhrilhom. F'dak iż-żmien, ma kienx hawn tagħlim, anqas skejjel, u dawk il-ftit, u ftit ħafna, kienu jħarbxu xi ħaġa għall-bżonn. Terġa' x-xogħol tal-kitba kien f'idejn il-barranin — Taljani, Sqallin, eċċ. — u dik ix-xiħaġa li nkitbet, inkitbet skond il-widna u, m'hemmx għalfejn ngħidu,

b'ortografija Taljana. Min kien jaf jikteb xi ħaġa aktarx li kellu f'moħħu illi għal-leħen ta' GA u dak ta' KA irid iżid l-H (akka) mal-G u maċ-Ċ, għalhekk — "chiteb, chtieb, chotba, chelma, chliem, chelb, chlieb, chnisja, ghiref, ghrif, gheddum, ghdiedem, castig, Michallef". (Ic-ch qiegħda għall-EĦĦE — imħallef, bachar, challeit, chdejn eċċ.).

Irridu niftakru wkoll illi fis-sena 1647 il-Vatikan waqqaf f'Malta skola għat-tagħlim tal-Għarbi għal dawk il-qassisin u patrijiet li kienu bi ħsiebhom imorru fl-Afrika ta' Fuq bħala missjunarji. Ħaġa mill-ewl id-dinja illi xi flien li kien jaf l-Għarbi, jew kien qiegħed jitgħallmu, ra illi xi kliem Malti jixbah lill-Għarbi u ħa l-leħen ta' GA għall-Għain Għarbija (għax din, "GĦ", leħinha fil-Għarbi hu GR u jixbah xi ftit il-leħen ta' GA Maltija) u aktarx il-kelma Għawdex kitibha bil-GĦ (ortografija Taljana) u billi f'xi kliem Malti l-GA kienet tinkiteb bil-GĦ żdied it-taħwid, bħal "a voglia" saret "għalavolja, għallavolja" (Falzon), "azzaruolo — għanzalor", "anticuore — għantqur", "gonnella — għonnella", "Għarqħur (arawn/r) Garqur". Castagna "gżira, gżejjer, gżeira", iktibhom bil-GĦ, għaliex ma nafx, għax bil-Għarbi tinkiteb bil-G (Siriak "ġeżira", Masri "geżira").

Sa fejn naf jien, Bonamico hu l-ewwel illi daħħal il-GĦ (għain) fis-sunett tiegħu lill-G.M. Cottoner (1672-5). F'dik il-kitba Bonamico jinqeda b'żewġ għamliet ta' GĦAJN: bil-vokali doppja u bil-GĦ (aadda — għadda, t'għattiet — tgħattiet, t'għanni — tgħanni, aasfur — għasfur, taana — tagħna, aainein — għainein, reeqet — reġgħet). Milli jidher Bonamico kien jaf il-Għarbi għax jinqeda tajjeb biż-żewġ Għ-jiet: bil-vokali doppji għal għain bla tikka u bil-GĦ għal ta' bit-tikka. Agius Soldanis jinqeda b'Għain waħda (GĦ) — "għet — għidt, għalia — għalija, għaref, lagħabielek, kargħa — qargħa, jokogħdux — joqogħdux, għant".

M'hemmx għalfejn ngħidu illi f'dawk iż-żmenijiet il-Għ għal GA u għall-Għain ħawdu moħħ dawk li kienu jiktbu, u l-GA ta' "Gaudox/ex" saret "'Għawdex" bħalma "gonnella" (Taljana) saret "għonnella" u l-oħrajn li semmejt iktar 'il fuq.

Jekk niflu sewwa dak li ktibt iktar 'il fuq, insibu illi t-tlitt konsonanti ta' G. (aw dittong) D u X ta' "Gaudox" u l-oħrajn G. D. S. ta' "Gods" (GOZO), huma żewg egħruq qraba sewwa, għax l-X u l-S meta nqabbluhom ma' xi ismijiet tal-Kotba Mqaddsa u kliem oħrajn, insibu illi jinbidlu bejniethom fl-ilsna semin: "xalom

— sliem, jabex — iebes, xuxan — susan, rox/rax — ras, Xawl — Sawl, Xamwel — Samwel, xemx — xams'' u oħrajn.

Hekk, naħseb jien, li twieled l-isem t'Għawdex.

---

## WARA L-KALVARJU: WARDA BAJDA

Bħalek, Madonna,
jien tlajt fuq il-Kalvarju;
inti tlajt darba u rajt il-mewt ta' Ibnek;
jien tlajt darbtejn,
u ta' kull darba
jien rajt il-mewt ta' marti;
'mma xħin inżilna
kemm jien, kemm int, Madonna,
it-tnejn ħarisna fl-art
u lmaħna warda bajda,
it-tnejn ġbarnieha,
ħadnieha d-dar,
qegħdnieha ġo vażett u għożżejnieha:
kienet il-warda tat-tama,
tama fil-ħajja...
Inti komplejt tgħix
sa sebgħin sena,
ferħana tara l-bini
tal-Knisja ġdida t'Ibnek,
tfarraġ u tħeġġeġ
lil kull min kien iħobbha,
lil kull min lest imut għat-twemmin tagħha:
Jien għixt ferħan ukoll
nilmaħ il-bini
ta' Malta ġdida,
naħdem,
infarraġ u nħeġġeġ
lil dawk illi jħobbuha,
u bħalhom dejjem lest li mmut għaliha!

8 ta' Diċembru, 1977. ANTON BUTTIGIEG

AIRMALTA




**Great destinations.**
**Great airline.**



Reservations tel: 882922/29


FARSONS BEERS
NATURALLY GOOD
FARSONS Brewers of fine beers for half a century

# MILIED MAN-NANNU

**Novella ta' PAUL P. BORG**

Lilu niftakru xiħ, x'aktarx mirżugħ bil-bard u jien kont għadni żgħira, żgħira ħafna.

Dak il-Milied jibqa' mċappas quddiem għajnejja sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, u ngħid għaliex.

L-ewwelnett, in-nannu kien briedem t'għalih waħdu, kien jara ftit, b'nuċċali oħxon u dejjem idur b''biċċa mħadda biex joqgħod fuqha fejn hemm ftit xemx. Kien iħoss ħafna kesħa, miskin, u idejh x'aktarx kienu jkunu ħomor u qishom bil-qoxra; ma' widnejh dejjem b'xi biċċa merqtuxa, għar-riħa.

In-nanna dejjem tħambaq: 'Pawl, inġiblek ftit tè?'' jew ''Insaħ-ħanlek ftit ħalib?''

Miskin, l-hena tiegħu kienet li jitla' għall-quddies jew għar-rużarju xi siegħa sħiħa qabel. Ixiddlek qorq bil-qfiel miftuħa, sidrija ta' missieru u jerħilha għal għonq it-triq. Biex imur il-kappella kien igħaddi minn mogħdijiet qalb l-għelieqi biex żgur ma jiltaqax ma' nies, u jilħaq kollox. Ġieli kont naqbad id in-nanna u nitilgħu flim-kien, kemm kemm niċċaqalqu, naraw min tiela' u min mhux, x'libset dik, x'velu għandha l-oħra u xi kultant in-nanna kienet tgedwed xi talba ċkejkna...

L-aktar li konna nitilgħu ferħana kien għall-ħabta tal-Milied. Ġgajta tfal lebsin tal-Ħadd, min taparsi jsuq mutur u min jistħajlu xi żiemel jagħti biż-żewġ. Iżda aħna l-bniet konna nkunu miġburin qaqoċċa flimkien, bil-velu milbus mid-dar u x'aktarx ngħannu xi ħaġa tal-Milied. Warajna kien ikun hemm in-nisa, ommi, ta' ħdejna, ta' warajna, ta' quddiemna u kulħadd igħid u jgħid. Milied tiela' u ieħor nieżel, min iżżewweġ u min miet...

Fil-bogħod, qalb l-għelieqi mdawla bid-dawl li kien jasal bla saħħa mill-mixgħela 'Il-Milied it-Tajjeb' f'nofs il-misraħ tal-kap-pella, iħaffef ġmielu għal żmienu, iżda għalih waħdu mitluf fi ħsibijietu u f'tifkiriet ta' ħajja twila u ta' 'l fuq minn tmenin Milied, kien ikun hemm in-nannu b'idejh mistrieħa wara dahru, waħda fl-oħra.

La niġu lura mill-knisja kien jinxteħet mistrieħ fuq l-għatba tal-bitħa u meta jfettillu jirrakkonta xi storja. ''Darba tafx, konna Sqallija, kien il-Milied u ġie wieħed u ħadna ħdejn ix-xmara u

riedna mmorru nieklu għandu. Kien hemm qisu dundjan kbir kollu ħaxix. Dak ikel u tiżjin u mitt elf inbid..."

U n-nannu kien jibda u ma jiqafx, ixejjer idejh daqs par ġwienaħ t'għasfur tal-bejt. Ħuti kienu jitilqu minn ħdejh u hu mank kien jinduna. Ma nafx għaliex, dik id-darba ħuti kienu qagħdu ftit aktar mis-soltu, iżda ħarira wara dabbru rashom. Jien intasabt inħares lejh, nimraħ fuq ix-xagħar t'għajnejh u ta' fuq imnieħru, nintilef fuq kemm għandu xagħar f'widnejh jew kemm hi maħmuġa l-beritta jew kemm hi ħoxna l-ħġieġa tan-nuċċali u x'iridha dik il-biċċa bajda mehmuża mat-terħa ta' ħżiemu.

Insomma, lejlet il-Milied, kif kont mitlufa nifli lin-nannu, daħlet in-nanna u, "Pawl, dis-sena mmorru għand oħtok Rożi għall-Milied. Immorru Għawdex".

Hu lanqas biss tħarrek.

"Fhimtni jew ittarraxt?"

"U mur fejn trid. Jien minn hawn ma nitħarrikx..."

"Imma kemm int fehmi. Rasek taż-żonqor".

"U iwa, u iwa, inti mur u lili ħallini bi kwieti..."

"Issa billi toqgħod imsakkar hawn, mirżugħ, għassa ma' żewġ qtates, x'sa tieħu? Isma' minni, Pawl, u..."

Imma n-nannu kien ġa tilef l-interess, qal li kellu jgħid, ċar u tond, bla tlaqliq, ġabar il-lastiku minn taħtu u rħielha għal fejn hemm mhux biss xemx, iżda xi ftit aktar sabar u sliem.

Dak il-ħin stess, bħas-soltu, tlajt warajh.

Mgħawweġ tnejn u jserraħ ma' kullimkien, bewweġ matul l-isqaq bħalma jbewweġ u jbeżlaq 'l ġewwa f'qoxortu bebbuxu mikdud jekk jiltaqa' ma' xi saram fi triqtu. Qagħad b'seba' għajnejn li ma jmurx jiżloq fuq il-ħaxix li kien iħaddar il-blat ta' l-art. Wasal f'tarf l-isqaq, xiref ħarstu b'tikmixa 'l fuq biex jara fejnha x-xemx u qatagħha li joqgħod fuq bank wara l-għarix li kien hemm. Jien qgħadt ħdejh.

Warajna kien hemm ħajt tas-sejjieħ li kien id-dahar tal-għarix fejn żmien qabel kien iraqqad il-karettun, fuq il-lemin kien hemm gallinar kbir imma bla ħajja għajr ġrieden u brimb, u kull fejn timrah ħarstek pal tal-bajtar tax-xewk mitluq iserraħ 'l isfel donnu jibki ż-żmien li għadda u l-ġrajjiet li ra.

Ix-xiħ għorok idejh, ittewweb u ffissa ħarstu fil-pal tal-bajtar hiemed u niedi, u lemaħ daqsxejn ta' ħaruf żgħir, abjad, sabiħ, ħaj u b'ħuxliefa għadha mdendla ma' żaqqu u bil-kemm nixfet. Jisma'

'l ommu tgħajjat u tħambaq u tixher għal binha li welldet jiem biss qabel. U hu, bniedem bla qalb u xieref daqs l-eħxen ħarruba, jaħtfu bejn riġlejh, igħollilu geddumu artab u jħosslu għonqu ilma. Imbagħad iċarratlu gerżumtu minn naħa għall-oħra. U jisma' sal-lum l-għajta u l-ħanxra tal-mewt ta' dak l-imsejken li għadha tidwi qalb l-istess pal u ttaqqallu qalbu, u għajnejh jaraw ċar id-demm igelgel u jtir ferħan u mqit u jtaqba' l-ħamrija u jġiegħel il-ħanex moħbi fil-ħamrija jitmasħan fis-sakra tad-dagħdigħa tad-demm... U l-klieb u l-qtates imġewħa b'ilsienhom barra jistennewh jonfoħ il-mostru u jiftħu minn nofsu ħa jtihom imsarnu...

Jara l-istess żagħżugħ felħan, fejn ħerża ta' bir, jifli nofs tużżana qtates ċkejknin daqs nitfa għadhom imxarrbin biż-żliega tat-twelid, imdawrin m'ommhom kburija bl-ulied li welldet. U hu jagħżel l-isbaħ u l-ikbar tnejn u jġenribhom. Jaqbad l-oħrajn wieħed wieħed, jagħfsilhom għonqhom bejn subgħajh sakemm ma jitħarrkux aktar u jitfagħhom fil-bir... U ommhom tingħi u tnewwaħ b'qalbha maqsuma...

U fuq il-bank wara l-għarix għadu jara tiġieġa mġenna bil-biża' u l-ħarsa tat-twerwir li jxidd kull annimal maħtuf titliegħeb fuq għajnejha. U ż-żagħżugħ jaqbdilha rasha, imellsilha għonqha u jġebbed f'daqqa waħda u tgħajjat maħnuqa u ġġebbed u tferfer u twerżaq muġugħa u ma tgħix aktar u tmut bl-għotien ċari mniżżlin fuq għajnejha... taħrika għajjiena ta' ġwenħajha...

U jilmaħ mill-ġdid l-ibjed u l-ikbar fenek, tari, sabiħ, għajnejh ħosbiena jarmu n-nar. Idendlu minn saqajh ta' wara, jillixxalu l-pil t'għonqu u dahru, iġebbidlu widnejh 'l isfel u... u jilmħu stirat fl-art, iferfer denbu b'ħanqa tal-għaġeb li tagħmel ħoss tal-biża' hi u għaddejja minn gerżumtu...

U jara l-annimali kollha jduru u jħufu quddiemu qalb il-pal iffissati f'għajnejh, u jgħajtu b'leħen ħiemed u qawwi u qalil li hu biss jisma' u jħoss aktar ma jaħseb bħalma għaddâs iħoss l-għafsa miġnuna ta' l-ilma aktar ma jinżel... In-nannu, għajjien u bla nifs, iqum u jmur 'il fuq.

Hekk kif ratu n-nanna reġgħet qabdet fuq Għawdex, u dak in-nhar ma nafx kemm-il skoss tat biex twaqqa' l-kliem fuq li tqatta' l-Milied Għawdex. Daqqa għax għand Rożi ilha ma tmur, daqqa għax saħansitra dan hu l-aħħar Milied ta' ħajjitha, daqqa għax tieħu gost fuq il-vapur, daqqa għax hawn Malta m'hawnx kwiet lanqas fir-raħal, jew għax Malta tagħmel ħafna kesħa u Għawdex

"hemm il-barka t'Alla". Kieku kienet taf li jeżistu l-kelmiet 'white Christmas' żgur li kienet issemmihomlu. Issa ħaġa u mbagħad oħra, u l-imsejken ta' nannu jiskarta daqqa fis-setaħ ta' wara, daqqa fil-bitħa jew f'xi stalla vojta u jara kif jiskansa dak il-ħbit qalil.

Bit-tiela' u bin-nieżel, in-nanna tassew waħħlitha f'rasha li tmur Għawdex. U l-għada marret, u n-nannu baqa'. Mhux għax ried iwebbes rasu, niftiehmu, imma forsi kien hemm xi ħaġa li dak iż-żmien, billi kont għadni żgħira, ma stajtx nifhem. Jien kont għidt, imma kemm hu qalbu ħażina n-nannu, ma jridx joħodha Għawdex lin-nanna.

L-għada, niftakar, ommi kienet bagħtitlu torta tal-piżelli, għax kien jagħmel għalihom ħafna. Jien kelli nibqa' miegħu u nagħmel ix-xogħol tad-dar. Mhux għax k en ikun hemm x'tagħmel, tafx, għax in-nanna kienet xummiema Alla jaħfrilha, u jien għajr żewġ platti ma kienx ikoll x'naħsel. Hu lanqas kien tant jagħti kas, u b'hekk xogħli kien ikun li noqgħod miegħu. Kont noqgħod daqqa naħa, daqqa kokka, daqqa imbè, u hu ħarstu dejjem serja u soda mwaħħla quddiemu, bħallikieku jittanta jiftakar x'għad fadallu jagħmel, jew fejn ħalla l-imgħażqa ħija l-kbir, jew x'kien isir minn Anġlu tiegħu li kieku ma mietx żgħir...

Wara nofs in-nhar kien qaxxar il-leħja. Kont nieħu gost narah, nistħajjel ix-xafra xi minġel qerriedi għaddej bla ħniena qalb ħuxlief kbir u xieref. Malli lmaħtu qed jerfa' kollox, ġieni ħsieb u staqsejtu jafx fejn refgħet il-qamħ in-nanna.

"Le".

Meta fl-aħħar wasal id-dar, jien ġrejt għal fuqu biex nara jafx fejnu moħbi l-qamħ. "Le" wieġeb.

Fittex minn hawn u fittex minn hemm sibtu taħt komodina baxxa, tant li miskin kull zokk kiber mgħawweġ tnejn u fit-tarf reġa' ra.a' 'l fuq bħal granċ. Il-Bambin sibtu wkoll, u għall-ewwel darba f'għomri kelli x-xorti noqgħod nirranġa l-Bambin jien.

L-ewwel għamilt terħa bajda fuq il-mejda, ġibt ftit tiben nadif mill-istalla u għamiltu f'nofsha, poġġejt il-Bambin fuqu, dawwart il-qamħ miegħu u poġġejt il-ġulbiena mal-qamħ, dawwart il-bozoz, kissirt id il-Bambin, ġibt il-kolla, sewwejtha, xgħelt il-bozoz — u m'għoġobni xejn. Neħħejt kollox.

L-ewwel siegħa.

Imbagħad ġietni mewġa ta' ħsebijiet, imma ħżiena. U kelli idea

oħra, imma s-sellum id-dar qiegħed. Imbagħad ħsibt oħra. Iva hekk.

"Nannu, waħħalli musmar mal-ħajt ħalli ndendel it-terħa miegħu għal fuq il-mejda u nagħmel il-Bambin..."

"Imma l-Bambin mhux hemm qiegħed?"

"Iva nann, imma sa nneħħih min-nofs għax inkissruh..."

"U min tridu jkissru?"

"Imma nann, ħalli ngħidlek. Dak norbot it-terħa mal-..."

"Mur ġib musmar u martell"

Kien għajjien wisq biex ikompli jħaqqaqha, u qatagħha fil-qasir. Sakemm ġibtlu l-għodda hu kien ġa tela' fuq siġġu tal-qasab, iżomm sewwa mal-ħajt li kien kaħħal bil-ħamrija hu stess xi sittin xitwa qabel. Newwiltlu l-martell u l-musmar. Qabad il-musmar u kelli niġborhulu mill-art. Niftakarni mnixxfa bil-biċċa xogħol li ħa n-nannu biex irnexxielu jdaħħal daqsxejn ta' musmar ta' l-azzar ġol-ħajt. Ġbarthulu elf darba , nitmiegħek ma' l-art biex inġibu minn taħt xi sodda. Il-martell inqala' wkoll u kelli nressaq il-Bambin għax stħajjiltu nieżel fuqu u l-ħajt triegħed bit-tisbit tal-martell ħdejn il-musmar. Kien hemm sinjal ta' miljun toqba u tibrix, ġir imwaqqa' u ruxxmata qxur imlewna ta' ġid qadim ħamm-mġu l-art. Iżda fl-aħħar tpaxxet b'musmar mgħawweġ ma' ħajt u lin-nannu għidtlu: "Nann, kieku hawn in-nanna min jaf x'għaġeb kienet tagħmel biex twaħħlu, kienet teħel xi xelin għal Fredu ta' Ġola..." Hu lanqas biss ħares mill-bogħod biex jara kif ġie... imma telaq 'il barra mkebbeb fi ħsibijietu.

Meta kont lestejt il-Bambin, ġiet ommi biex tgħid lin-nannu jmur jiekol għandna, iżda wara ftit ħin jaħsibha, qalilha: "Leqq, ma rridx". X'tagħmel, kilna hu u jien flimkien.

Wara l-ikel warrabt il-platti u ntasabt kokka ħdejn in-nannu. Domna qatigħ hekk, hu min jaf x'jaħseb u x'iħewden u jien mitlufa niflih u nħares lejn il-Bambin, lejn il-qamħ imgħaqqad u lejn xagħar in-nannu abjad, b'saħħtu u mħaobel daqs magħlef tiben. Ħbatt sa niddejjaq, iżda mill-ewwel staqsejtu x'kien jagħmel fil-Milied meta kien żgħir. Għall-ewwel ma weġibx iżda mbagħad tani ħarsa li qatt ma kont ilmaħtlu qabel. Ħares 'l isfel bil-mod il-mod u ħa nifs li nefaħ 'il barra minn imnifsejh sufin.

"Is-soltu? E, binti s-soltu hu dejjem għalija... meta kont daqsek darba missieri ħadni Għawdex ukoll. Kont inkun ferħan dejjem fuq spalltu, u hu dejjem jiġri bija jixtri l-qagħaq u l-buskotti. Imba-

għad ħadni fuq skuna oħra, kaħla, kienet tmur Sqallija wkoll, u bdew igħannu u jkantu, u bdew icuru u jiżfnu u lili bdew igħolluni m'ogħla hawn. Meta morna l-art, kulħadd kien imlaħlaħ u missieri qafilni ġol-gabina tiegħu, u qalli, "Orqod sabiħ", u jien bdejt nibki. Imbagħad semgħuni u fetħuli u ħaduni fid-dar tal-kaptan, kien Sqalli wkoll. Kien hemm mara liebsa l-aħmar, kienu kollha nies kbar, qishom ġganti, u l-mara refgħetni u komplew ikantaw u ssokta ż-żfin u l-għana u reġgħu xorbu aktar. Lili bdew jerfgħuni u jgħolluni sas-sema u jien bdejt nibża' u ridt 'l ommi, u bdejt nixher u ngħajjat u nħambaq għax ridt 'l ommi. Imbagħad qegħduni f'nofs il mejda u bdew iduru miegħi u jkantaw u jgħajtu u jien kont qed nibki..." U hawn indunajt li n-nannu kien qiegħed jibki, kien qed jiftakar kollu tqanqil xi Milied li kien rnexxielu jinsa.

"U komplew jgħannu u jien kont beżgħan u ferħan u mħawwad, ma niftakarx sewwa b'li kien qed isir; kont mimdud qalb dak l-istorbju u għajat, xorb, inbid u daqq. U missieri jkanti bil-kitarra u leħnu miksur u jgħajjat u kien għajjien u l-oħrajn — "

Waqaf.

Waqaf ħesrem.

Għajnejh iċaċssati fil-vojt, aħmar nar.

"Nannu, iva kompli, kompli trid..."

Imbagħad x'ġara eżatt sewwasew ma tantx nista' niftakar sewwa; naf li dak in-nhar kien hemm ommi tqatta' xagħarha, in-nanna mixħuta fuq sodda. Niftakarhom igħajtu miegħi għax kont inkwetajtu, għax għajjat miegħi, għax għidtlu jwaħħalli l-musmar mal-ħajt u ħa xi kedda. It-tabib kien dam qatigħ jifli l-musmar mal-ħajt...

"Dawn it-tfal kollha xorta... m'hemmx x'tagħżel... kollha xjaten, barra x-xbieha t'Alla..." kien qal xi ħadd minn taħt l-ilsien.

Imma ħaġa tal-għaġeb, Għawdex ħadd ma semmieh, lanqas in-nanna stess...

# PRIŻMA

## RADJUDRAMM TA' VICTOR APAP

**(Jorbot ma' Marzu 1977, paġna 15)**

HORATIO: Good bye.

TONI: Intbaħt li Horatio ma xtaqnix madwarhom. Kien igħir ferm għal Emma. Mur għidlu li wara mewtu kelli niltaqa' magħha f'Pariġi għal għarrieda. Lanqas kont nagħrafha kieku ma waqqfinix hi. Kienet ftaqret għal kollox u għabet minn fuqha kull sbuħija. **(Pawsa)** Il-m xi mal-plajja nħobbu wisq. Kont qed nagħmel mixja meta minn taħt is-siġar kbar tat-triq rajt għaddejjin labranzetta lil Clara u 'l Benito. Mela wasal lura mill-Etjopja? Ma kontx naf għandix insellem jew le. Huwa kien miexi serju u dritt donnu bala' stanga: hi tpaċpaċ u tfaqqa' d-daħk. X'ħin wasalna biswit xulxin, Clara telqet il-maktur ma' l-art, jien kont pront tbaxxejt biex niġbru u hi għamlet hekk ukoll. Benito baqa' wieqaf bħal stenna li l-maktur għandu jintrafa' waħdu. Kif jien u Clara konna wiċċna lejn l-art, minn taħt l-ilsien qaltli:

CLARA: Ibqa' sejjer.

TONI: Hekk għamilt. Lanqas issugrajt indawwar wiċċi lejhom, imma ma lħaqtx għamilt żewġ passi li ma smajtx daqqa ta' ħarta u lil Clara tinfaqa' tibki. Dak il-ħin tani qalb indur u nieħu lilu bil-ħartiet, imma ġibt quddiem għajnejja li kont barra minn pajjiżi. Għalhekk bqajt miexi.

XIHA: (issejjaħ) Sur Bajada, Sur Bajada!

TONI: Ma kienx leħen ġdid għalija. Dort. Ara min qala' l-baħar!

XIHA: Jogħġbok dan il-qronfol?

TONI: Sabiħ. Sabiħ ħafna.

XIHA: Qtajtu apposta għalik għax naf li taħtieġu.

TONI: Jiena naħtieġ dal-qronfol kollu? X'nambih?

XIHA: Tambih, sinjur. U sa ssib lil min tagħtih.

TONI: Ma fadal ħadd li nafu ġo Napli.

XIHA: **(bid-daħka)** Minn għalik! Għadu kemm wasal xi ħadd li għandek ġibda kbira lejh.

TONI: Għidli min.

XIHA: Eh, le... Ma ngħidlekx! B'dan il-qronfol għandek ħila tisraq il-qlub.

TONI: Jiena qatt ma kont xortija tajba man-nisa.

XIHA: Qatt qabel ma kellek f'idejk il-qronfol tiegħi.

TONI: Xi jrid ikun. **(Ċekċik ta' flus)** Daqshekk biżżejjed?

XIHA: Kulma tagħtini int, sinjur, dejjem biżżejjed. Issa tara kif iġibulek ir-rizq. Mur bis-sliem.

TONI: Ma tantx niżilli kliemha li, kieku setgħet, kienet tħawru bl-oħla għasel li hawn fid-dinja. Ma kontx naf x'sa naqbad nagħmel bih dak il-qronfol aħmar nar. Diġà kont waħħaltha f'rasi li narmih il-baħar, meta biswit il-lukanda lmaħt lil Marie b'libsa chic fuqha u b'velu fuq rasha nieżel ma' wiċċha u mitfugħ fuq spalla waħda biex jiddendel għal wara daharha. Id-dehra tagħha saħħritni. Qsamt it-triq. Kontessa Walewska, kemm qed nieħu gost narak mill-ġdid.

MARIE: Agħmilli pjaċir; sejjaħli b'ismi.

TONI: X'ġiebek darb'oħra f'Napli?

MARIE: Issa ma fadalli 'l ħadd fid-dinja. Żewġi u missieri mietu.

TONI: Jekk trid tista' tmur tilħaq lil Napoleon. Għadu fi triqtu għal Elba. Se joqgħod ftit hemmhekk, imbagħad se jmur Sant'Elena.

MARIE: Taħseb li kien iħobbni? Jew li jien kont inħobbu?

TONI: Kieku għala tlaqt kollox għalih?

MARIE: Huwa kien jintilef għal kull mara li jiltaqa' magħha, u lili kien għoġobni għax ħsibtu ġenju.

TONI: Għadek m'għidtlix x'ġiebek f'Napli. Ma weġbitnix mill-ewwel. Qalbet għajnejha suwed tuta fuqi.

MARIE: Mhux aħjar inpoġġu bil-qiegħda?

TONI: Inpoġġu. Għandi dan il-qronfol għalik.

MARIE: Ton, ma kienx għalija. Ma kontx taf li sa tiltaqa' miegħi. Għidli għal min xtrajtu?

TONI: Għal ħadd; imma la ltqajt miegħek tieħdu int.

MARIE: Grazzi. Tassew qronfol sabiħ.

TONI: Għadni bil-kurżità ta' qabel. Għalfejn ġejt hawn? Jew forsi xi ħaġa sigrieta u ma tixtieqx tgħidli? Qabel ma wieġbet, serrħet idha fuq idi. Imbagħad b'leħen kalm qaltli:

MARIE: Emminni dak li sa ngħidlek. Fittixt narġa' lura bit-tama li nilħqek.

TONI: Ridt tgħidli xi ħaġa?

MARIE: Ma ndunajtx li kif rajtek l-ewwel darba nġbidt għalik?

TONI: Qiegħda tgħidli bis-serjetà?

MARIE: Ma ndunajtx li meta mar id-dawl qbadt miegħek mhux



# Għaliex għandu jkollok kont kurrenti magħna?

Ibda biex, kull ħlas li jkollok tista' tagħmlu b'ċekk — b'hekk m'għandekx għalfejn iġġorr ħafna flus fuqek u jekk tibgħat ċekk bil-posta lil min trid tħallas tiffranka li tistenna fil-kju.
Il-Bank jagħtik "statements" ta' sikwit biex b'hekk dejjem tkun taf fhiex inhu l-kont tiegħek. Barra minn hekk, tingħata wkoll pariri finanzjarji. Ħaġa mill-eħfef t ftaħ kont kurrenti magħna. Ejja l-uffiċċju tagħna. Aħna lesti biex naqduk.

**Lombard Bank (Malta) Limited**
**Lombard House, Republic Street, Valletta.**
**Tel: 620631/2, 620443. Telex: MW 379.**

**Lombard Bank (Malta) Limited huwa membru tan-'National Westminister Bank Group' b'Kapital u Riserva li jaqbżu £1,300,000,000 Sterling.**



# "Rothmans Special Mild give me the taste and satisfaction I really enjoy."




"They say it's because Rothmans use only the best tobacco – and that is what really counts in a mild cigarette.

If you are looking for a mild cigarette you can taste, ask for Rothmans Special Mild in the red pack."

Rothmans

SPECIAL MILD

**The best tobacco money can buy.**

għaliex kont imbeżżgħa, imma għaliex xtaqt noqgħod qrib tiegħek?

TONI: Lanqas għaddieli l-iċken ħsieb minn moħħi.

MARIE: Fhimtek. Dan ifisser li għalik jien ma ngħodd xejn.

TONI: Tgħidx hekk. Għid li jiena baħnan u m'għaraftx ngħożż il-ħlewwa tiegħek.

MARIE: Temminni issa, Ton?

TONI: Nemmnek. Il-ħażin hu li jien wasalt biex nitlaq lura lejn Malta.

MARIE: B'daqshekk x'sa jiġri?

TONI: Irrid ngħid li miniex sa nagħmillek kumpanija għal żmien twil. Dalwaqt sa tarġa' ssib ruħek waħdek.

MARIE: Tagħtik qalbek li tħall ni waħdi, meta taf li ġejt hawn minħabba fik?

TONI: Imma jiena ma nisax nocgħod hawn għal dejjem.

MARIE: Daż-żgur. Lanqas jien ma rrid dan.

TONI: Illum jew għada jkollna ninfirdu.

MARIE: Tgħidhiex dil-kelma. Nixtieq li ma ninfirdu qatt.

TONI: Marie, ifhimni: mhux li nixtiequ jgħodd, imma dak li jkollna nagħmlu.

MARIE: Daqshekk hu! Imma x-xewqa, jekk irridu, tista' sseħħ u ssir fatt.

TONI: Miniex nifhmek.

MARIE: Trid li nibqgħu dejjem flimkien?

TONI: U żgur li rrid.

MARIE: Jien ukoll irrid li nibqa' dejjem miegħek. La rridu t-tnejn m'hemmx raġuni għala ma jkunx hekk.

TONI: Inti lesta li tiġi miegħi Malta?

MARIE: Lesta biex niġi miegħek fejn teħodni int.

TONI: Kellha raġun ix-xiħa Naplitana tgħidli li l-qronfol aħmar kien sa jġibli r-riżq.

MUŻIKA TA' L-EGĦLUQ.

**TMIEM**

# IT-VIII GHAĠEB TAD-DINJA

Lil ħabibi Dr. Vincent Depasquale.

U ħolom ħolma kbira; ra quddiemu
Lir-ras ta' Sciberras imdawra swar,
U fehem l' hemm ġew, sewwa lin-nies mill-agħar
Jilqa', u jżomm 'il bogħod 'il bogħod minn Jiermu.
U biex ma jitlef xejn mis-s iem ta' jiemu
Tallaba mal-Ewropa bagħat u dawwar;
Min ftit, min xejn, 'ma Piju ħamsa dar
Dawra mal-Vatikan u taħ, bla liemu.

Missirijietna qatgħu l-ġebel kbir
U tellgħu djar, palazzi, swar għoljin
Imdawra kullimkien mill-ikħal nir.
Sabiħ it-Taj Mahal, u sbieħ, setgħana
L-Eiffel u il-Piramidi kburin —
Xejn inqas minnhom int, Valletta tagħna!

28/2/'78. WALLACE PH. GULIA

# VERSI

(Lil Karmen Mikallef Buħaġar
— B'Ammirazzjoni u Qima
għax-xogħol kbir tagħha
f'ġieħ l-awturi Maltin u
għal Malta. Alla jberikha!)

Ħalli lir-ruħ
titkellem weħidha
ħa jiskot il-baħar
ħa jeħdel ir-riħ
ħa tikbes ix-xemx
fuq ramel imdieheb
ħa joħlom il-qamar
fuq ġnien il-għerf —
Għerja Ruħ il-Bniedem
bħal dielja mneżżgħa
sabiħa fuq egħruqha
ħalli tiġġerra ħielsa
fl-ispazji eterni
tal-infinit
u tibqa'!

DOREEN MICALLEF

# HARSA LEJN L-GHAMLA TA' L-ANGLIĊIŻMI FIL-MALTI

**minn ROMAN AZZOPARDI**

Il-kelmiet Ingliżi li llum daħlu fl-Ilsien Malti qegħdin, kif naraw u nisimgħu kuljum, jaqdu biċċa sewwa mill-ħtiġiet tagħna f'diversi okkażjonijiet. Kemm jekk hi ittra li trid tinkiteb, kemm jekk hu artiklu li jkun se jiġi ppubblikat, kemm jekk hi taħdita mal-ħbieb u kemm jekk hu rapport sportiv, hemm probabilità li se nużaw xi kelma Ingliża. Aħna li ngħożżu l-ilsien Malti, ma għandniex xi ngħidu, nippruvaw nagħtu xejra Maltija lil ħafna minn dawn l-angliċiżmi.

Xi kliem missellfa mill-Ingliż ħadu libsa Maltija kemm f'dik li hi forma miktuba, kemm f'dik li hi forma mitkellma. Nieħdu dawn iż-żewġ sentenzi bil-kliem Ingliżi 'checking' u 'cake': L-**iċċekkjar** tal-karti dam sejjer ġurnata. Il-**kejkijiet** se jdumu ma jsiru.

Kliem ieħor li ġej mill-Ingliż ħa xejra, fil-ħoss u fil-ħażż, nofs ta' Malti u nofs ta' Ingliż. Nieħdu dan l-eżempju bil-kelma 'Trade Unions':

**It-trejd unions** jaqdu missjoni fil-pajjiż.

Mod ieħor ta' kif addottajna kliem Ingliż hu meta ngħaqqdu l-artiklu Malti mal-kelma barranija. Eżempji: ix-Shop Stewards; iċ-Chairman tal-Bank; il-Manager tal-fabbrika; it-tape recorders.

Il-ħolqien ta' varjanti huwa metodu ieħor li nużaw. Ngħidu aħna, insibu kliem bħal 'strikes' jew 'strajks' jew 'strajkijiet' jonkella cranes' jew krejns' jew 'krejnijiet'.

Dan kollu jurina, fost l-oħrajn, li l-Maltin, bħan-nies ta' artijiet oħra, kull meta jaslu biex idaħħlu kliem missellef minn lingwi oħra, għandhom il-ħila jimmanipulaw dawn il-kliem missellef kif jaqbel, kemm fil-kitba, kemm fid-diskors. U dan iġagħalna naħsbu f'metodu ieħor fejn il-Malti mhux biss idawwar u isawwar il-kelma Ingliża f'għamla Maltija, iżda jagħżel ukoll li fil-kelmiet missellfa jħalli xi kliem barra. Nieħdu b'eżempju l-kelma 'private buses' li l-Malti biddel fi 'privates'. Fis-sentenza 'Ġab it-tape hu u kellu jġorru waħdu', trid tiftiehem 'Ġab it-tape-recorder'.

Issa, element grammatikali li jmiss mill-qrib lil dawn l-angliċiżmi huwa kif ejn jidħol il-plural. Il-formazzjoni tal-plural Malti tieħu żewġ għamliet: (i) żieda ta' suffissi; (ii) plural miksur. Imma fl-angliċiżmi dawn iż-żewġ metodi applikabbli għan-nomi u l-aġġettivi mhux

dejjem possibbli, u għalhekk wasalna biex naċċettaw il-plural biż-żieda ta' l-ittra 's' fl-aħħar tal-kelma fis-singular. Dan fil-fatt huwa plural Malti daqs l-oħrajn għax (a) inżamm mill-poplu stess fit-tħaddim tal-lingwa tiegħu; u (b) ma nistgħux nevitawh jew inwarrbuh.

Hawnhekk ta' min igħid li l-plural Ingliż biż-żieda ta' 'es' fl-aħħar tal-kelma ma jsibx postu fil-Malti. Għalhekk, filwaqt li aċċettajna l-plural 'films', ma aċċettajn'ex il-plural 'dishes', imma għamilnieh 'dishijiet' jew 'dixxijiet'. Hekk ukoll, b'eżempju, għandna l-plural 'stretchers', imma ma għandniex il-plural 'misses' fis-sens ta' sentenza: 'Il-missijiet li kien hemm l-uffiċċju tbiddlu'. Milli wieħed jista' jifhem minn dawn l-eżempji li semmejna, nistgħu ngħidu li meta l-plural fl-Ingliż tal-kelma missellfa jżomm l-istess numru ta' sillabi bħas-singular fl-Ingliż, allura l-Malti jieħu l-plural barrani bl-ebda tbatija ta' xejn. Eżempji: 'il-pets', 'il-cranes', 'l-appointments', 'it-taxis', 'is-seats'. Iżda meta l-plural fl-Ingliż iżid xi sillaba mas-singular fl-Ingliż, il-Malti f'dal-każ jipprovdi l-formazzjonijiet 'normali', l-aktar biż-żieda tas-suffiss '-ijiet'. Jista' jkun li mhux dejjem hekk għax, ngħidu aħna, fil-kelma Ingliża 'gig' il-plural huwa 'gigs' iżda fil-Malti l-plural jidher li dejjem kien 'giggijiet' minkejja li 'gigs' u 'gig' -ihom it-tnejn sillaba waħda.

Meta nafu li llum ftit li xejn nistgħu ngħaddu mingħajr għadd ta' kliem li ġej mill-Ingliż — bħal ngħidu aħna 'l-istudios', 'id-detectives', 'in-notice boards', 'it-tyres', 'il-patrol boats', 'is-seats', 'l-istretchers', 'il-matinées' — ikollna nammettu li dawn il-kelmiet barranin m'humiex ħlief żidiet sbieħ u bżonnjużi fl-estenzjoni tal-vokabularju tagħna. U għalhekk ma għandniex inħarsu lejhom bħala xi element ta' korruzzjoni ta' lsienna. Ilsienna, kif niktbuh u nitkellmuh illum, huwa Malti daqs dak ta' mija jew mitejn sena ilu. Il-kontinwità tal-lingwa hemm għadha minkejja l-varjazzjonijiet u t-taħlit li qed isir fi żmienna bħalma sar f'epoki oħrajn fl-istorja tal-lingwa Maltija.

# REĊENSJONIJIET

DWARDU FENECH, O.S.A., **Vassalli u Kitbietu.** pp. 188. Edizzjoni P.A.M., 1977.

Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) għadu jiġbed l-attenzjoni ta' kull studjuż tal-Malti. L-istatura tiegħu sħiħa bdiet tidher iktar ċara mill-1937 'il quddiem, bis-saħħa tat-tiftix li kien għamel Ninu Cremona u l-ħruġ f'**Il-Malti** (1932-37) tax-xogħol tiegħu **Mikiel Anton Vassalli u Żmenijietu** li l-ewwel inġabar fi ktieb bil-Malti u wara nqaleb għall-Ingliż minn May Butcher **Vassalli and his Times** (1940).

Għal bosta snin ħafna kienu jaħsbu illi Vassalli bħala suġġett ta' studju kien eżawrit għax mhux la kemm issib xi ħaġa ġdida xi żżid ma' dak li kien qal jew kiteb Cremona. U tabilħaqq, dak ix-xogħol jibqa' għal dejjem bħala għajn ta' tagħrif storiku u mera ta' ġudizzji meqjusa dwar il-ħidma u l-kitba ta' Vassalli. Biss, fejn jidħlu l-istudji qatt ma jiġri li x ħadd ikun qal l-aħħar kelma. Minn ftit snin 'l hawn rajna tinfetaħ għajn ġdida għall-apprezzament tat-traduzzjoni tal-Vanġelu li Vassalli għamel għaċ-"Church Missionary Society" b'riħet it-tiftix li wettaq il-Prof. Mons. K. Sant, kif naqraw fit-taħdita tiegħu, fis-sensiela "Ġużè Galea Lecture", li ġġib l-isem **It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850** (R.U.M. 1975). U saħansitra tfaċċat ittra, waħda mill-aħħar ittri ta' Vassalli, miktuba fit-8 ta' Awissu, 1828, ħames xhur qabel miet, li minnha, fost ħwejjeġ oħra, jidher li Jowett, missjunarju Protestant taċ-Church Missionary Society, kien beħsiebu jittraduċi bl-Ingliż il-qwiel Maltin maħruġin minn Vasalli fl-1828 bl-isem **Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi.** (Ara l-kitba tal-Prof. K. Sant fir-rivista "Sijon" Vol. 6, Nru. 4, 1973).

Il-ktieb ta' Patri Fenech dwar **Vassalli u Kitbietu** jingħadd ma' din il-klassi ta' xogħlijiet u għandna nilqgħuh tajjeb għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, kif qed ngħidu, iżid xi ħaġa' ma' dak li konna diġà nafu, u t-tieni għandu jiswa biex iressaq quddiem il-qarrejja li ma jsibux il-ħin jew il-mezz biex imorru fil-bibljoteki, il-fehmiet, il-konklużjonijiet u xi kitbiet oħra ta' Vassalli li ma jinstabux fl-idejn u, jekk jinstabu, mhux dejjem illum jistgħu jinftehmu billi miktubin bil-Latin jew bit-Taljan. F'dan is-sens it-taqsir, imfisser bil-Malti, ta' l-istudji lingwistiċi u letterarji ta' Vassalli li Fenech ġabar fl-ewwel taqsima tal-ktieb tiegħu jiswa ta' għajnuna

kbira sew lill-qarrejja ġenerali kif ukoll lil dawk li jkunu daħlu xi ftit 'il ġewwa fl-istudju tal-Malti. Minn daqshekk, nistgħu ngħidu wkoll illi hawnhekk ix-xogħol ta' Fenech jimxi bejn wieħed u ieħor fuq it-tifsira li hemm fil-ktieb ta' Cremona dwar Vassalli, imma waqt li ta' Fenech fih iżjed taqsir ta' kapitoli u ta' introduzzjonijiet, min-naħa l-oħra nsibu fih kriterji inqas rigorużi fil-ġudizzji mogħtija. Madankollu, dan malajr nifhmuh għax Cremona, billi kien l-ewwel wieħed, seta' jwettaq il-fehmiet tiegħu wkoll b'siltiet minn kitbiet ta' studjużi lingwisti u Semisti li għarblu x-xogħol ta' Vassalli fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.

Il-qofol ta' dan il-ktieb hija t-tieni taqsima li fiha Patri Fenech jagħmel rikostruzzjoni ta' l-Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva li Vassalli kien beħsiebu joħroġ fi ktieb għalih u li spiċċat biex intilfet wara mewtu. Din it-taqsima fil-fatt kienet it-teżi li Fenech lesta bħala sehem mix-xogħol mitlub għall-grad ta' B.A. (Hons.) fl-1966. Inħallu l-kittieb igħidilna kif mexa fix-xogħol tiegħu: "It-tieni taqsima hi rikostruzzjoni ta' l-Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva li ntilfet. Din inbniet billi nġabar il-kliem kollu li kellu nota warajh: 'Vide Appendicem Etymologicam'. Wara kull kelma bil-Malti ngħatat it-tifsira korrispondenti bil-Latin kif hemm fil-Lexicon u ġie li wkoll bit-Taljan jekk Vassall ma kienx jaf x'kienet bil-Latin jonkella jekk jibqa' xi ambigwità. Wara kull kelma ngħatat ukoll riferenza għal fejn tista' tinsab fil-Lexicon: in-numru jirriferi għall-kolonna, billi kull paġna fiha żewġ kolonni enumerati, fil-waqt li l-ittra ta' l-alfabett ta' wara n-numru tirriferi għall-ordni li hemm fil-kolonna msemmija". (p. 8).

It-tielet taqsima hija marbuta sfiq mat-tieni waħda u tiġbor fiha l-etimoloġija li tinsab fil-Lexicon ta' Vassalli. Patri Fenech jagħti tagħrif siewi dwar din it-taqsima ta' l-etimoloġija: "Din it-taqsima li ġejja tħaddan fiha sensiela ta' kliem li fil-Lexicon għandu l-etimoloġija tiegħu, jew għallinqas xi ħjiel etimoloġiku li jitfa' dawl fuq il-ħila ta' Vassalli bħala etimoloġista. Mhux b'daqshekk ifisser li kull ma qal dan l-istudjuż hu minnu, imma xejn xejn nistgħu naraw x'kien jaħseb f'dan il-qasam tal-għerf, u nifhmu fl-istess ħin kemm irnexxielu jimxi 'l quddiem fih. Minkejja li għaddew ħafna snin mill-1796 meta Vasalli ħareġ dawn l-istudji tiegħu sa żmienna, xorta waħda għadu tajjeb u validu xjentifikament ħafna milli qal dan l-istudjuż.

"Il-kliem li f'din is-sensiela jġib asterisk qablu hu dak li jinsab

ukoll fit-tieni taqsima ta' dawn l-istudji, u li kellu jidher fl-"Etimoloġika u Komparattiva". Il-kliem l-ieħor li ma jġibx asterisk għandu tagħrif etimoloġiku fil-**Lexicon.** Dak il-kliem li fih salib qablu hu dak li Vasalli qal li hu 'barbaru', jiġifieri ta' nisel Rumanz.

"Għal min hu interessat fl-etimoloġija eżistenti ta' Vassalli, din it-taqsima hi ta' importanza kbira billi tagħti tagħrif etimoloġiku sħiħ. Min, min-naħa l-oħra, irid ikun jaf kemm kienet kbira l-ħidma etimoloġika ta' Vassalli, irid jara wkoll it-tieni taqsima ta' dan ix-xogħol". (p. 139).

Fil-paragrafu 4.1 tal-ktieb (p. 79), Patri Fenech jagħti xi tagħrif dwar kotba u dizzjunarji li Vassalli nqeda bihom għall-etimoloġija. Wara li jwissi li mhix ħaġa ħafifa tgħid dan, jissokta: "... imma jekk wieħed jara x'kiteb dan l-istudjuż u liema egħjun ikkwota, wieħed jista' jasal biex għallinqas jieħu idea tal-ħidma lessikali u etimoloġika tiegħu". Barra x-xogħlijiet storiċi ta' G.F. Abela u G.A. Ciantar, li fihom xi tifsir etimoloġiku, Vassalli nnifsu jsemmi fil-**Lexicon** xi kotba li nqeda bihom. Fenech jagħti tliet kotba minn dawn, i.e. il-**Geografia Nubiensis** għall-ismijiet ġeografiċi, ktieb ta' John Willmet, **Lexicon Linguae Arabicae in Coranum Haririum et Vitam Timuri** (Rotterdam, 1784) u ieħor ta' M. Pasqualino, **Vocabolario Siciliano Etimologico, Italiano e Latino** (5v., Palermo, 1785-1795). Iżda minbarra dawn, seta' kien hemm kotba oħra, bħax C.L. Dessoulavy, fir-reċensjoni li kiteb dwar ix-xogħol ta' Cremona fil-BSOAL (1938) wara li jsemmi l-ittra tar-Rev. C.F. Schlienz dwar il-Mss imħollija minn Vassalli, fosthom "an imperfect Italian and Maltese Lexicon in which A to A1 is wanting" u ieħor "an imperfect etymological dictionary of the Maltese language" jgħid hekk: "... from Schlienz's description there can be no doubt that the first part (i.e. dawn li semmejna) constitutes the unpublished second volume of the **Lexicon.** I much doubt, however, whether the book would be of much intrinsic value, for Vassalli's apparatus was very limited, Golius, Erpenius, and Willmet being the only authorities he had at hand". Meta tqis li Vassalli fl-'appendice etimologica' kien beħsiebu jfisser in-nisel ta' 1050 kelma mill-1800 li fih il-**Lexicon,** i.e. waħda minn kull tmintax, naslu biex ngħidu li, kieku waslilna t-tagħrif etimoloġiku sħiħ, Dessoulavy kien aktarx jibdel il-fehma tiegħu dwar it-tieni volum tal-**Lexicon** li ntilef u baqa' mhux stampat.

Fil-paragrafu (vi), taħt ir-ras "Discorso Preliminare" tal-**Lexicon**

(p. 38), Fenech ikkommenta, bħalma għamlu oħrajn qablu, dwar l-ittri ġodda mfasslin minn Vassalli fl-alfabett tiegħu. Huwa jgħid li dawn l-ittri kienu miktubin b's.mboli speċjali, u din l-ispeċjalità tas-simboli ħolqot diffikultà biex l-alfabett ta' Vassalli jkun aċċettat. Din is-silta mir-reċensjoni ta' C.L. Dessoulavy li semmejna titfa' xi ftit dawl ukoll fuq din il-biċċa: "The defects in the **Lexicon** are dúe to Vassalli's being a pathfinder. Attempts to write Arabic in Roman characters have been few and far between. When he wrote his **Lexicon** he was, of course, unaware of the work of Pedro de Alcalà, and of the modified alphabet chosen by the latter to stand for those Arabic sounds and letters not known to the Latins. The next serious attempt in the same direction was to come only after Vassalli's death, when Francis Newman (the brother of John Henry) devised a Romic alphabet for classical Arabic and actually dreamed of getting it generally adopted, though, in the event, it was the Turks rather than the Arabs who weer to prove favourably disposed to this reform".

Kif għedna fil-bidu, għal dawk li huma fatti storiċi dwar il-kitbiet ta' Vassalli, mhux lakemm iżżid ma' dak li qal Cremona. Għalhekk wieħed jifraħ meta jsib fil-ktieb ta' Fenech (pp. 55-60), it-test kollu kemm hu tal-manifest, li ma konniex nafuh u llum ma għadux jinsab fl-idejn, **Associazione al Dizionario Maltese-Italo-Latino,** stampat hawn Malta fl-1792 biex iħajjar lill-qarrejja ħalli jissieħbu fih.

Waqt li nifirħu lil Patri Fenech għal dan ix-xogħol siewi dwar M.A. Vassalli, nawgurawlu li jibca' jaħdem bil-qalb fil-għalqa ta' l-istudji lingwistiċi, u nħajruh biex forsi joħroġ għad-dawl, b'xi tibdil u adattazzjonijiet, iż-żewġ teżijiet li kiteb, waħda għall-M.A. (Malta) u l-oħra għall-Ph.D. (Leeds).

Ġ. CASSAR PULLICINO

---

**'Marguerite Gautier' — maqlub għall-Malti minn Ġino Muscat Azzopardi. Edituri: A.C. Aquilina, 1977 (202 paġna).**

'La Dame aux Camelias', maqlub għall-Malti taħt l-isem ta' 'Marguerite Gautier', minn Ġino Muscat Azzopardi, huwa wieħed mill-akbar klassiċi tad-dinja. Għadu sal-lum jinqara b'għaxqa minn ħafna nies fl-ilsien oriġinali Franciż, kif ukoll f'ilsna oħra li kien maqlub fihom. Kull awtur li jixtieq jikteb bħala mgħallem, ifittex

li jaqra sewwa u jixtarr tajjeb dan ir-rumanz u kull min iħoss xrara ta' sentiment umanitarju, jaqra bil-gost u bil-ġabra l-ġrajja ta' Margerita, il-bniedma li dinbet bla raj u ħabbet bla qies.

Dan mhux rumanz ta' ġrajja meraviljuża li wieħed jaqraha għall-kurżità jew għall-passatemp. Ir-rumanz hu mera, jew aħjar test, tal-kriżi li jaqgħu fiha u jgħaddu minnha bnedmin ta' qatgħat diversi. Il-qarrej għandu jibqa' mistagħġeb bit-tormenti ħorox li jkiddu r-ruħ, il-qalb u l-ġisem tal-bniedem meta tilħqu x-xorti ħażina, u fl-istess waqt il-qarrej jintebaħ ukoll kemm tista' tkun sħiħa r-rieda tal-bniedem imqanqal minn sentimenti ta' ħniena u ta' mħabba.

Ir-rumanz jista' jitqies ukoll bħala studju psikoloġiku dwar karattru komuni li jafuh ħafna nies imma jifhmuh ftit wisq... Ħafna nies huma tal-fehma li mara tad-dnub ma tħabbilx rasha ħlief fuq qliegħ, frugħa u żina, imma mill-qari ta' dan ir-rumanz, wieħed jinduna li prostituta jista' jkollha wkoll sensi sentimentali ħelwin ta' mogħdrija, imħabba u sagrifiċċju.

F'dak il-ktieb il-qarrej isib ukoll dehra tal-ħajja soċjali Pariġina fl-epoka ta' wara l-gwerer ta' Napuljun meta l-aristokrazija reġgħet għolliet rasha u ħadet bixra mirquma, għanja u kburija; meta l-istima lejn dak li jkun kienet tiddependi mir-renta, mit-titlu jew mill-protetturi li jkollu; meta n-nisa tad-dinja kellhom vuċi fil-ħajja tal-belt u kienu dlonk ilekkmu u jġebbdu, jillixkaw u jistadu fost il-mustaċċuni u l-ismarġassi li jiddefsu fil-ħajja pubblika.

Ġino Muscat Azzopardi li qaleb fi lsienna l-klassiku ta' Alexandre Dumas iż-Żgħir, kiteb hekk fid-daħla tal-ktieb, "Il-lum dan ir-rumanz, wieħed mill-għaxra l-aktar moqrija fid-dinja, jista' jinqara minn kulħadd u jiena qlibtu għall-Malti biex inżidu mar-rumanzi l-oħra li ħarġu sa issa u sabiex inkun żidt l-ilsien tagħna ma' dawk tan-nazzjonijiet l-oħra kollha li qalbuh għall-ilsien tagħhom..."

B'din il-biċċa xogħol tiegħu Ġino Muscat Azzopardi seħħlu mhux biss jagħti f'idejn il-qarrejja Maltin wieħed mill-aqwa rumanzi tad-dinja, imma rnexxielu wkoll jagħni l-letteratura tagħna b'opra tas-sew eċċellenti. Barra minn hekk, din it-traduzzjoni tixhed kemm l-ilsien tagħna jinqala' biex ifisser bil-ħeffa u bir-reqqa kull għamla ta' kitba stranjiera. Ma kinetx ħaġa ħafifa traduzzjoni bħal din, għax l-oriġinali hu mimli b'ideat astratti, sentimenti emozzjonali, tratti passjonali u sitwazzjonijiet patetiċi. Dawn kollha huma xogħol mill-aktar iebes għall-qlib minn ilsien għall-ieħor, u jeħtieġu ħeġġa, ħila u għerf f'min jindaħal għalih.

Ġino Muscat Azzopardi wera kemm huwa mgħallem tajjeb u mħarreġ bis-sengħa għal din il-biċċa xogħol li ndaħal għaliha. Huwa mhux biss għamel traduzzjoni tal-ktieb ta' Dumas iżda kiteb din it-traduzzjoni bi stil tabilħaqq ħaj, mexxej u idjomatiku li jilħaq livell letterarju għoli: tant li din il-biċċa xogħol tista' titqies fost l-aħjar traduzzjonijiet li għandna fl-ilsien tagħna.

Il-kteb huwa stampat tajjeb, ċar u li jista' jinqara bil-ħeffa u bil-gost, u fih għamla sabiħa wkoll.

PROF. ĠUŻÈ GALEA

# KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

Il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti jixtieq jiżżi ħajr mill-qalb lis-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar ta' Londra għall-għotja sabiħa ta' flus li tat dan l-aħħar biex tgħinha tissokta fil-ħidma tagħha għall-ġieħ u l-ġid ta' l-Ilsien Malti. Din mhix l-ewwel darba li s-Sinjurina Mikallef Buħaġar għenet lill-Akkademja b'għotjiet ta' flus u jixirqilha, għaldaqstant, l-istima tal-membri kollha akkademiċi kemm għal dawn il-għajnuniet kif ukoll għall-ħeġġa u l-imħabba kbira li hi għandha lejn l-Ilsien ta' Malta tagħna, l-Omm li tatna isimha.

## RUMANZ TA' ĠUŻÈ CHETCUTI MAQLUB GĦALL-GĦARBI

Ir-Rumanz "L-Isqaq" ta' Ġużè Chetcuti li fis-sena 1976 kienet saret traduzzjoni tiegħu bl-Ingliż, "An Alley in Malta", minn Maud Rusten, issa saret traduzzjoni oħra tiegħu, did-darba bil-Għarbi, u ġie stampat fil-Libja. It-traduttur hu Ibrahim Elnajmi. Naħsbu illi din hi l-ewwel traduzzjoni bil-Għarbi li qatt saret ta' rumanz ta' awtur Malti.

# When a Cheque Book is indispensable.

Money is what makes the world go round! And one of life's recurrent problems — whether you're single or married — is to keep one's personal finances in check and in good order! But you don't have to let this universal problem become a time-wasting chore.

A current account with the Bank of Valletta helps you make recurrent payments safely and smoothly. Helps keep cash on your person to a minimum. No queues. No hassle. And there is an added bonus: There are no ledger fees with Bank of Valletta current accounts — but you do get fast service and a ready smile.

When you next get your pay cheque, think of the advantages of opening your own current account at the Bank of Valletta. Come and see us. We'll help you make life easy on yourself.

**Bank of Valletta Limited, Malta**

**Branches throughout Malta and Gozo**

**The Bank next door.**



F'kull fergħa tal-Mid-Med Bank issib impjegati ta' esperjenza u mħarrġin b'mod l-iżjed professjonali.

Għal dawk li huma kuntatti ma' barra, il-Mid-Med Bank għandu korrispondenti mad-dinja kollha.

*Mid-Med Bank – il-Bank b'wirt kbir ta' esperjenza.*

**Mid-Med Bank Limited**

UFFIĊĊJU PRINĊIPALI: 233 TRIQ IR-REPUBBLIKA VALLETTA

Fergħat f'Malta u Għawdex. Bank Assoċjat fil-Grupp ta' Barclays.

Stamperija Indipendenza — Pietà